PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10363 — NPM Capital/Infinitas)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 363/03)

1. Fil-31 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— NPM Capital N.V. ("NPM Capital", in-Netherlands), u

— Infinitas Learning Holding B.V. ("Infinitas", in-Netherlands).

NPM Capital takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Infinitas.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— NPM Capital: tinvesti f'kumpaniji ta' portafoll attivi f'varjetà ta' setturi, inklużi s-servizzi tal-karozzi, tal-ikel, tal-kura tas-saħħa u dawk industrijali; kif ukoll

— Infinitas: bejgħ ta' soluzzjonijiet u materjali edukattivi li jipprovdu kontenut f'konformità mal-kurrikulu tal-iskola obbligatorju (edukazzjoni primarja, sekondarja, vokazzjonali u edukazzjoni għolja) jew akkreditazzjoni (professjonali / tal-kura tas-saħħa). Ix-xerrejja huma istituzzjonijiet (skejjel u għalliema) li huma akkreditati biex jilħqu standards ta' kwalità edukattiva. Infinitas hija attiva fin-Netherlands (bil-marka tagħha "Noordhoff"), fil-Belġju (bil-marka tagħha "Plantyn") u fl-Isvezja (bil-marka tagħha "Liber").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10363 — NPM Capital/Infinitas

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË